GUDJA

Minuti tat-tnejn u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 23 ta' Novembru 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Osvaldo Pace u Anthony Dalli |
| Skużati: | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut |
| Attenda ukoll:- | Perit; | William Lewis |

Agenda:

1. Progress Re: Proġett ta' toroq u bankini (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)

2. Patching works as per Architects report

3. Xogħol ta' bankina fi Triq William Baker Gudja.

4. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku, l-Kunsillieri u dawk kollha preżenti.

**1.0 Progress Re: Proġett ta' toroq u bankini (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)**

1.1.0 Triq Ħal Resqun

1.1.1 Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li max-xogħol maħsub għat-Triq Ħal Resqun iżid parti minn Triq il-Fidwa u dan b'tul bejn tlieta (3) jew erba' (4) metri.

Il-Kunsill qabel ukoll illi malli titlesta l-bankina fi Triq Ħal Resqun tibda l-bankina fi Triq Joseph Gravina Gudja.

1.2.0 Triq l-Awrekarja

1.2.1 Wara diskussjoni dwar il-qagħda preżenti l-Perit W. Lewis (Perit inkarigat mill-Kunsill) ta' parir illi fiċ-ċirkustanzi preżenti l-MEPA għandha tiġi mitluba li tagħti linja gwida dwar il-livelli. Din id-deċiżjoni tal-MEPA għandha tkun finali.

Il-Kunsill qabel ukoll illi kull alterazzjoni meħtieġa mill-parapett il-ġewwa tkun responsabilita tas-sid.

Il-Kunsill qabel ukoll illi għandha tintbagħat ittra mill-Kunsill dwar dan u għandu ukoll jiġbed l-attenzjoni tar-residenti kollha dwar dak kollu meħtieġ

irrespettivament jekk dan ikunx jolqot lilhom individwalment u dwar li ħadd ma jista' jostakola l-bankina.

**2.0 Patching works as per Architects report**

2.1.0 Triq Ħal Luqa, Gudja.

2.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi waqt laqgħa tat-Tlieta 23 ta' Novembru 2010 dwar xogħol fuq Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa u toroq oħra, s-Sur Charles D'Alfonso uffiċjal inkarigat mit-Trasport Malta (TM), ikkonferma illi peress li sejjer jgħaddi ħafna traffiku minn din it-triq waqt it-twettieq tal-proġett, t-TM sejra tagħmel resurfacing ta' din it-triq qabel ma jibda x-xogħol fuq il-proġett li jkun sejjer jeħtieġ divjazzjoni ta' traffiku għat-Triq Ħal Luqa Gudja.

Il-Kunsill qabel li jitlob lil Trasport Malta sabiex tirranġa ukoll Triq Ħal Tarxien peress li sejjer ukoll jgħaddi ħafna traffic minnha. Il-Kunsill qal li għandu jitlob li ssir anke bankina peress li jgħaddu ħafna nies bil-mixi.

Il-Kunsill qabel illi peress li ma hemmx data stabbilita meta sejjer issir r-resurfacing mit-TM, għandu jimmarka l-aktar toqob meħtieġa li jingħataw tarmac kif meħtieġ u dan wara li l-Perit inkarigat jagħmel stima meħtieġa.

Dan japplika ukoll għal Triq Birżebbuġa, Gudja

2.2.0 Triq Burġlat

2.2.1 Il-biċċa ta' fuq:- Dan ix-xogħol approvat skond stima ta' €500.00.

2.2.2 Mill-by pass l-isfel:- Il-Kunsill qabel li jerġa' jsir kejl u stima sabiex jikkonsidra jekk ikunx aħjar li flok asphalt jintuża l-konkos.

2.3.0 Triq Filippu Castagna Gudja

2.3.1 Il-Kunsill qabel illi għandu jsir x-xogħol meħtieġ skond stima ta' €830.00.

2.4.0 Triq Willaim Baker Gudja (b'żieda ta' $4m^2$)

2.4.1 Il-Kunsill qabel illi għandu jsir ix-xogħol meħtieġ skond stima ta' €911.00 li għandu jiżdied ukoll €66.00 għal $4m^2$ miżduda għal xogħol f'biċċa triq li tmiss ma' Triq William Baker.

**3.0 Xogħol ta' bankina fi Triq William Baker Gudja.**

3.1 Il-Kunsill qabel illi peress din it-triq hija fil-qalba tal-Gudja ikun xieraq illi l-bankina tkun ta' materjal tipo 'lava'.

Il-Kunsill għandu jikseb kemm samples u kwotazzjonijiet meħtieġa dwar materjal u wara li dawn jiġu quddiem il-Kunsill tkun tista' tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill dwar dan.

**4.0 Għeluq tal-laqgħa**

4.1 Xelter fi Triq il-Kbira Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir ħlas ta' €1866.04 lil kuntrattur Mangion Bros Żurrieq Ltd peress li sar ix-xogħol meħtieġ u dan ġie ukoll ċertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

4.2 Xelter fi Triq William Baker u Triq il-Kbira Gudja. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-istima ta' €2891.00 u li toħroġ works order dwar dan lil kuntrattur Mangion Bros Żurrieq Ltd.

4.3 Bieb tal-bejt fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li toħroġ works order lil Mallia Bros għas-somma ta' €200.00

4.4 Saqaf tal-perspex fil-bitħa tal-bini amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li toħroġ works order lil Mallia Bros għas-somma ta' €400.00

4.5 Xogħol bi prijorita. Il-Kunsill qabel li x-xogħol fi Triq Ħal Resqun għandu jingħata prijorita u li għandu jibda nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010 u dwar dan il-Kunsill qabel li toħroġ works order meħtieġa lil Mangion Bros Żurrieq Ltd.

Il-Kunsill qabel li wara x-xogħol ta' Triq Ħal Resqun għandha tingħata prijorita lit-Triq Joseph Gravina Gudja..

4.6 Il-laqgħa għalqet fis-7.20p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________